IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.5.2012
COM(2012) 212 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi

WERREJ

1. Introduzzjoni ... 3

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ... 4

2.1. Kejterers tal-massa ... 4

2.2. Tessuti u kożmetiċi ... 5

3. Il-projbizzjoni tal-użu ta' OĠM fil-produzzjoni organika ... 6

3.1. L-esperjenza ġenerali fir-rigward tal-projbizzjoni tal-użu tal-OĠM ... 7

3.2. Id-disponibbiltà ta' prodotti mhux miksuba minn OĠM ... 8

3.3. Id-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ ... 8

3.4. Il-fattibbiltà ta' limiti speċifiċi ta' tolleranza (għall-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli tal-OĠM) u l-impatt tagħhom fuq is-settur organiku ... 9

4. Il-funzjonament tas-suq intern u tas-sistema ta' kontroll ... 9

5. L-applikazzjoni tas-sistema ta' importazzjoni ... 10

5.1. L-importazzjonijiet fil-kuntest tas-sistema ta' ekwivalenza ... 11

5.1.1. Ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi li jipprovdu garanziji ekwivalenti ... 11

5.1.2. Ir-rikonoxximent ta' entitajiet ta' kontroll u ta' awtoritajiet ta' kontroll li jipprovdu garanziji ekwivalenti ... 12

5.2. L-importazzjonijiet fil-kuntest tas-sistema ta' konformità ... 13

5.3. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni ... 13

6. Konklużjonijiet ... 14

ANNESS ... 15

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi

1. INTRODUZZJONI

Fl-2009, l-agrikoltura organika kienet tokkupa 8.6 miljun ettaru fl-UE, jiġifieri 4.7 % tal-erja agrikola użata fl-UE-27. Fil-perjodu ta' żmien mill-2006 sal-2009, ir-rata medja annwali ta' tkabbir tagħha kienet ta' 7.7 % fl-UE-15 u 13 % fl-UE-12 (l-UE-15 kienet tirrappreżenta 81 % taż-żona organika tal-UE kollha fl-2009). Kien hemm madwar 197 000 azjenda involuti fl-agrikoltura organika fl-2008, jiġifieri 1.4 % tal-azjendi kollha tal-UE-27. Huwa stmat li, fl-2007, is-settur organiku kien jirrappreżenta 2 % tal-ispejjeż totali tal-ikel fl-UE-15[1].

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[2] u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tiegħu, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008[3] u (KE) Nru 1235/2008[4] jikkostitwixxu l-qafas legali għall-ikel organiku u l-biedja fil-livell tal-UE.

Diġà meta kien qed joħloq ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 - minn issa 'l quddiem "ir-Regolament" -, il-Kunsill enfasizza l-evoluzzjoni dinamika tas-settur organiku u talab analiżi futura ta' għadd ta' kwistjonijiet li, fir-rigward tagħhom, qies xieraq li l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda għandha tiġi kkunsidrata. Ir-Regolament speċifika, fl-Artikolu 41, liema huma dawk il-kwistjonijiet partikolari li għandhom jiġu riveduti:

(a) il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament innifsu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikel organiku mħejji minn kejterers tal-massa;

(b) il-projbizzjoni tal-użu tal-OĠM, inkluża d-disponibbiltà ta' prodotti mhux miksuba minn OĠM, id-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ, il-fattibbiltà ta' limiti massimi speċifiċi ta' tolleranza u l-impatt tagħhom fuq is-settur organiku;

---

1 Aktar dejta u informazzjoni fattwali dwar l-agrikoltura organika tingħata fil-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2010: "An analysis of the EU organic sector" disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/agriculture/organic/files/eu-policy/data-statistics/facts_en.pdf

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91, ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

3 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku, ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1.

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi, ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25.

(c) il-funzjonament tas-suq intern u s-sistemi ta' kontroll, fejn jiġi vvalutat, b'mod partikolari, li l-prattiki stabbiliti ma jwasslux għal kompetizzjoni inġusta jew għal xkiel għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti organiċi.

Permezz ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tivvaluta l-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2009, meta dan beda japplika.

Dan ir-rapport se jiffoka fuq it-tliet suġġetti ewlenin stipulati hawn fuq. Barra minn hekk, se jenfasizza xi kwistjonijiet importanti oħra li qed jiġu diskussi mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati.

Sabiex ikun hemm idea iktar ċara dwar l-esperjenza miksuba s'issa permezz tar-Regolament, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati kollha, billi dan qassmitu lill-membri kollha tal-Grupp Konsultattiv dwar il-Biedja Organika. Sitta u għoxrin Stat Membru wieġbu għall-kwestjonarju f'Marzu 2011, flimkien ma' ħdax-il parti interessata. Il-kontribut ta' dawk it-tweġibiet kien essenzjali għal dan ir-rapport.

2. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT

Ir-Regolament ħoloq il-bażi li fuqha għandhom jiġu adottati regoli ddettaljati tal-produzzjoni fl-oqsma li kienu għadhom ma ġewx soġġetti għal regoli armonizzati[5]. S'issa r-regoli ta' implimentazzjoni ġew iffinalizzati u ppubblikati fir-rigward tal-akkwakultura organika, inkluża l-alka tal-baħar, u fir-rigward tal-ħmira organika. Il-ħidma fuq ir-regoli dwar il-produzzjoni tal-inbid organiku u l-għalf organiku kienet għadha għaddejja meta tfassal dan ir-rapport. Għal xi oqsma oħra, bħal dawk tat-tjur u tas-serer, ir-regoli ta' produzzjoni eżistenti għadhom ma ġewx riveduti.

Dan il-kapitolu jiffoka fuq analiżi tal-esperjenza mal-kejterers tal-massa u l-kwistjoni li tikkonċerna l-possibbiltà ta' inklużjoni ta' tessuti u kożmetiċi. Iċ-ċertifikazzjoni organika ta' ċerti prodotti li mhumiex fl-Anness I tat-Trattat iżda li huma marbuta mill-qrib mal-prodotti tal-Anness I jew mal-ekonomija rurali, bħax-xema' tan-naħal, iż-żjut essenzali, jew il-maté mhux qed tiġi eżaminata fid-dettall hawnhekk, madankollu l-Kummissjoni tagħraf il-ħtieġa li tiċċara jekk dawk il-prodotti jistgħux jiġu ċċertifikati f'konformità mar-Regolament fejn dawk il-prodotti jkunu ġew miksuba skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament.

2.1. Kejterers tal-massa

It-tħejjija ta' prodotti organiċi f'ristoranti, sptarijiet, kantins u negozji oħra tal-ikel qed tikseb dejjem aktar importanza, kemm fis-settur privat kemm f'dak pubbliku. Is-settur tal-kejtering jinkludi ħafna tipi differenti ta' impriżi, minn ristoranti żgħar sa katini kbar tal-kejtering.

Meta kien qiegħed jinħoloq ir-Regolament, l-inklużjoni tas-settur tal-kejtering tqieset prematura u l-protezzjoni ta' termini li jirreferu għall-produzzjoni organika tqieset suffiċjenti. Madankollu, is-settur tal-kejtering tal-massa huwa diġà soġġett għar-regoli tal-UE dwar l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel, li jipprovdu li t-tikketti li jirreferu għall-metodi tal-produzzjoni ma jistgħux jintużaw b'mod li jista' jqarraq bix-xerrej[6].

---

[5] Bħall-inbid organiku, l-akkwakultura organika, inkluż l-alka u l-ħmira organika

[6] Id-Direttiva 2000/13/KE

Fil-preżent, seba' Stati Membri introduċew regoli nazzjonali, filwaqt li qed jiġu applikati standards privati f'għaxar Stati Membri oħra. Dawn ir-regoli jipprovdu ċertifikazzjoni tal-ingredjenti, tal-platti, tal-menus jew tal-operazzjonijiet tal-kejtering mill-bidu sat-tmiem. L-Istati Membri b'sistema stabbilita ta' kontroll ma rrappurtaw l-ebda diffikultà partikolari. Diversi Stati Membri rrappurtaw li huma previsti proġetti li jirregolaw il-kejtering tal-massa fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma tal-fehma li operazzjonijiet tal-kejtering tal-massa ma għandhomx ikunu soġġetti għar-Regolament tal-UE dwar il-produzzjoni organika, fuq terminu qasir, u dan mhux biss minħabba li jista' jkun li tiżdied il-kumplessità, iżda wkoll minħabba l-impatt limitat fuq il-kummerċ li jirriżulta min-natura lokali ta' dawn l-attivitajiet. Il-Kummissjoni tikkonkludi li bħalissa mhemmx il-ħtieġa li l-operazzjonijiet tal-kejtering tal-massa jiġu inklużi fir-Regolament iżda se ssegwi mill-qrib l-iżviluppi f'dan il-qasam.

2.2. Tessuti u kożmetiċi

Matul dawn l-aħħar snin, kien hemm tkabbir sinifikanti fis-suq tat-tessuti u f'dak tal-kożmetiċi, li jkollhom referenza għall-produzzjoni organika. Ġew żviluppati skemi privati ta' ċertifikazzjoni għal dawn il-prodotti. Madankollu dawk iż-żewġ kategoriji ta' prodotti mhumiex inklużi fil-qafas legali tal-UE dwar il-produzzjoni organika, li huwa limitat għal serje ta' prodotti agrikoli[7] (b'mod partikolari, prodotti agrikoli mhux proċessati jew prodotti agrikoli proċessati biex jintużaw bħala ikel). Filwaqt li, b'mod ġenerali, huwa rikonoxxut li kemm it-tessuti kemm il-kożmetiċi jikkostitwixxu opportunità prezzjuża għall-materja prima prodotta b'mod organiku, inħoloq dibattitu fil-qasam tal-produzzjoni organika dwar il-kwistjoni jekk ir-referenza għall-produzzjoni organika għall-prodotti agrikoli li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali jistgħux ikunu ta' riskju għall-kredibbiltà tat-terminu "organiku", kif applikat għall-oġġetti tal-ikel. Barra minn dan għandu jiġi mfakkar li sabiex jiġu inklużi, b'mod sistematiku, il-prodotti mhux agrikoli, ir-Regolament ikollu jiġi mibdul b'mod fundamentali.

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tessuti titratta l-ismijiet u t-tikkettar tal-fibra aktar milli l-metodi ta' produzzjoni[8]. Dan l-aħħar din ġiet riveduta[9] bil-għan li l-qafas leġiżlattiv f'dak il-qasam jiġi simplifikat u mtejjeb. Fil-qafas tal-iskema volontarja tal-Ekotikketta tal-UE[10] ġew stabbiliti kriterji għall-prodotti tat-tessuti[11]. Fil-każ tal-qoton, jekk 95 % tal-prodott ikun magħmul minn qoton organiku, id-denominazzjoni "qoton organiku" hija permessa taħt din l-iskema.

Bosta kożmetiċi jinkludu materja prima agrikola, bħal żjut u estratti tal-pjanti. Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-kożmetiċi tirregola l-użu tad-dikjarazzjonijiet fuq prodotti

---

7 Elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta'prodotti organiċi (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.)

8 Id-Direttiva 2008/121/KE

9 Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut.

10 Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE

11 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad- 9 ta' Lulju 2009 (2009/567/KE)

kożmetiċi[12]. Qed jiġu żviluppati kriterji komuni għat-tipi kollha ta' dikjarazzjonijiet użati fir-rigward tal-prodotti kożmetiċi, inklużi d-dikjarazzjoni 'naturali' u d-dikjarazzjoni 'organiċi'.[13]

Il-Kummissjoni tqis li jista' jkun utli li wieħed jesplora l-opportunitajiet offruti mil-leġiżazzjoni tal-Unjoni biex il-ħarsien tal-użu tal-kelma "organiku" ikun estiż għat-tessuti u l-kożmetiċi.

3. IL-PROJBIZZJONI TAL-UŻU TA' OĠM FIL-PRODUZZJONI ORGANIKA

Wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-produzzjoni organika stipulati fir-Regolament huwa l-projbizzjoni tal-użu ta':

- organiżmi ġenetikament modifikati jew OĠM[14],
- prodotti derivati minn OĠM[15], jew
- prodotti miksuba minn OĠM[16].

Dawn il-prodotti huma meqjusa inkompatibbli mal-kunċett ta' produzzjoni organika u mal-perċezzjoni li jkollhom il-konsumaturi fir-rigward tal-prodotti organiċi.

Fil-prattika dan ifisser li OĠM u prodotti derivati jew miksuba minn OĠM ma għandhomx jintużaw bħala ikel, għalf, għajnuniet għall-ipproċessar, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, fertilizzanti, kondizzjonaturi tal-ħamrija, żrieragħ, propagaturi tal-veġetazzjoni, mikroorganiżmi u annimali fil-kuntest ta' produzzjoni organika. Issir eċċezzjoni waħda biss għall-prodotti mediċinali veterinarji (vaċċini u oħrajn).

Madankollu, peress li s-sistemi organiċi mhumiex iżolati mill-katina ġenerali ta' produzzjoni, ma tistax tiġi eskluża preżenza dgħajfa u aċċidentali ta' uċuh ġenetikament modifikati f'sistemi tal-biedja li mhumiex ġenetikament modifikati, eżempju l-biedja organika ma tistax tkun kompletament eskluża matul il-kultivazzjoni, il-ħsad, it-trasport, il-ħżin u l-ipproċessar. Is-sorsi ta' taħlita possibbli ta' OĠM huma impuritajiet fiż-żerriegħa, dakkir inkroċjat (cross-pollination), il-pjanti li jikbru b'mod spontanju u l-prattiki tal-ħsad u l-ħżin. Sors ieħor potenzjali huwa l-ikel u l-addittivi tal-għalf, li huma komunement derivati jew miksuba minn OĠM.

---

12 L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1223/2009, ĠU L 342, 22.12.2009

13 ISO/NP 16128

14 Id-definizzjoni ta' 'organiżmu ġenetikament modifikat (OĠM)' tingħata fid-Direttiva 2001/18/KE.
Eżempji: pjanti u żrieragħ mis-sojja u l-qamħirrum modifikati ġenetikament.

15 'Derivat minn OĠM' tfisser derivat, kompletament jew parzjalment, minn OĠM, iżda li ma jkunx fih jew li ma jkunx jikkonsisti minn OĠM (l-Artikolu 2.u);

Eżempji: żejt, lamtu jew proteini mis-sojja ġenetikament modifikata jew mill-qamħirrum ġenetikament modifikat, li ma fihomx DNA ġenetikament modifikata.

16 'Miksub minn OĠM' tfisser derivat bl-użu ta' OĠM bħala l-aħħar organiżmu ħaj fil-proċess ta' produzzjoni, iżda li ma fihx jew ma jikkonsistix minn OĠM u lanqas prodott minn OĠM (l-Artikolu 2.v).
Eżempji: addittivi tal-ikel u l-għalf (prinċipalment vitamini u amminoaċidi) u għajnuniet għall-ipproċessar (prinċipalment enżimi) prodotti minn mikroorganiżmi ġenetikament modifikati (bħal batterji u fungi).

Ir-Regolament preċedenti (KEE) Nru 2092/91[17] kien jinkludi l-istess projbizzjonijiet fuq l-OĠM iżda ma kienx jindirizza l-kwistjoni ta' preżenza mhux intenzjonata ta' traċċi ta' OĠM. Fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi, ir-regoli orizzontali tar-Regolament tal-UE dwar Ikel u Għalf Ġenetikament Modifikat[18] għalhekk kienu japplikaw bl-istess mod għall-prodotti użati fil-biedja organika. Dak ir-Regolament jistipula limitu ġenerali tat-tikkettar ta' 0.9 % għall-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM jew prodotti li ġejjin minn OĠM[19].

F'dan is-sens, ir-Regolament jiċċara li japplikaw regoli ġenerali dwar preżenza inevitabbli ta' OĠM. Barra minn hekk jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi fl-Artikolu 9(3) tiegħu dwar ir-responsabbiltà tal-operatur organiku sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' OĠM fi prodotti organiċi. Il-prinċipji ewlenin huma dawk li tiġi limitata kemm jista' jkun il-preżenza aċċidentali ta' OĠM fi prodotti organiċi, kif stabbilit fil-premessa 10, u fl-istess ħin, li jiġu evitati restrizzjonijiet żejda u piż addizzjonali fuq operaturi organiċi.

3.1. L-esperjenza ġenerali fir-rigward tal-projbizzjoni tal-użu tal-OĠM

Mill-kwestjonarju msemmi hawn fuq jidher li s-superviżjoni tas-sistema ta' kontroll tal-projbizzjoni tal-użu tal-OĠM ma ħolqitx problemi kbar għall-Istati Membri. Madankollu, l-għalf huwa identifikat bħala prodott f'riskju minħabba l-preżenza aċċidentali ta' OĠM. Ġew irrappurtati sejbiet baxxi ħafna, inqas minn 0.1 %, ta' OĠM awtorizzati, fis-sojja u l-qamħirrum. L-operaturi jagħmlu sforzi konsiderevoli u jieħdu inizjattivi komuni biex iżommu prodotti organiċi ħielsa minn preżenza aċċidentali ta' OĠM. Huma jġarrbu l-ispejjeż għal dawn l-azzjonijiet preventivi.

F'xi Stati Membri ġew żviluppati għodod tal-analiżi tar-riskji u tal-ġestjoni tar-riskji li joffru approċċ sistematiku li jippermetti li jittieħdu deċiżjonijiet dwar kampjunar u żjarat ta' kontroll addizzjonali. Il-Kummissjoni se tissorvelja l-iżvilupp ta' dawn l-għodod u, jekk xieraq, se tipproponi li jiġu applikati fil-livell tal-UE.

Fir-rigward tal-koeżistenza, ir-rapport tal-2009 tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-koeżistenza tal-uċuħ ġenetikament modifikati mal-biedja konvenzjonali u organika[20] kkonkluda li l-uċuħ ĠM ma kkawżaw l-ebda ħsara evidenti lill-agrikoltura eżistenti li mhijiex ĠM. Barra minn dan, fit-13 ta' Lulju 2010 l-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni[21] dwar linji gwida għall-iżvilupp ta' miżuri nazzjonali ta' koeżistenza biex tiġi evitata l-preżenza mhux intenzjonata ta' OĠM f'uċuħ konvenzjonali u organiċi, u li tirrikonoxxi li t-telf potenzjali tad-dħul għall-produtturi ta' prodotti agrikoli partikolari, bħal prodotti organiċi, jista' jseħħ minħabba l-preżenza ta' traċċi ta' OĠM f'livelli saħansitra aktar baxxi mil-limitu tat-tikkettar tal-ĠM, jiġifieri 0.9 %, stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tirrikonoxxi li t-taħlit tal-OĠM għandu

---

17 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2092/91 tal-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti tal-ikel

18 Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1-23, l-Artikolu 12(2)

19 Għaż-żerriegħa mhuwa definit l-ebda limitu.

20 COM(2009) 153 finali, 2.04.2009 Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-koeżistenza tal-uċuħ modifikati ġenetikament ma' dawk tal-biedja konvenzjonali u organika http://ec.europa.eu/agriculture/gmo/coexistence/index_en.htm

21 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/C/200/01, ĠUUE C 200 tat-22 ta' Lulju 2010, paġna 1. http://ecob.jrc.ec.europa.eu/documents/CoexRecommendation.pdf

implikazzjonijiet speċifiċi għall-produtturi ta' prodotti partikolari, bħall-bdiewa organiċi, li jħalli wkoll impatt fuq il-konsumatur finali, minħabba li produzzjoni bħal din, bosta drabi, tkun tiswa ħafna aktar, peress li tirrikjedi sforzi ta' segregazzjoni aktar stretti biex tiġi evitata l-preżenza tal-OĠM b'mod li jkun garantit il-prezz primjum assoċjat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li, ladarba jiġi adottat, jippermetti lill-Istati Membri jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM fuq it-territorju tagħhom[22].

Reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi konġunti C-58/10 sa C-68 Monsanto provdiet interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament u indikat li, biex Stat Membru jadotta miżuri ta' salvagwardja, huwa biss l-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament li japplika għall-prodotti eżistenti u li preċedentement ġew awtorizzati fil-kuntest tad-Direttiva 2001/18/KE. Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Kawża 442-09) provdiet interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-polline ĠM fl-għasel. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, qed tevalwa d-deċiżjoni u l-impatti tagħha, ukoll mil-lat tal-koeżistenza.

3.2. Id-disponibbiltà ta' prodotti mhux miksuba minn OĠM

Illum il-ġurnata, il-vitamini, l-enżimi u l-amminoaċidi użati fl-ipproċessar tal-ikel huma ħafna drabi prodotti b'mikroorganiżmi ġenetikament modifikati u għalhekk ma jistgħux jintużaw fil-produzzjoni organika.

Ir-Regolament ippreveda, fi ħdan ir-regoli straordinarji tal-produzzjoni, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tipprovdi eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tal-użu ta' prodotti miksuba minn OĠM meta jkun meħtieġ li jintużaw l-ikel u additivi tal-għalf u sustanzi oħrajn li ma jkunux disponibbli fis-suq, ħlief dawk li jkunu magħmula minn OĠM. S'issa l-Kummissjoni ma ppermettietx eċċezzjonijiet bħal dawn.

Madankollu, spiss jiġi rrappurtat li xi sustanzi bħall-vitamini B2 (riboflavina) u B12 (kobolamina) u l-enżimi kimosina (għall-produzzjoni tal-ġobon) u fitażi (għall-għalf) jkunu disponibbli biss bħala prodotti miksuba minn OĠM. Għalhekk il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib din is-sitwazzjoni u, jekk meħtieġ, tipproponi azzjoni xierqa.

3.3. Id-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ

Meta operaturi organiċi jixtru fatturi tal-produzzjoni li jiddaħħlu fil-proċessi meħtieġa għall-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, jeħtieġ li jiżguraw li dawn il-fatturi ma jkunux OĠM jew prodotti derivati jew miksuba minn OĠM. Ir-Regolament jistipula, fl-Artikolu 9(2), li l-operaturi jistgħu jafdaw it-tikketti fuq il-prodotti jew kull dokument ieħor li jakkumpanjahom, li jkun imwaħħal jew provdut skont id-Direttiva 2001/18/KE[23], ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003[24] jew ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003[25] sakemm ma jkunux kisbu

---

22 COM(2010) 375 finali, 13.7.2010 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestriġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OMĠ fit-territorju tagħhom

23 Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE, ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1-39.

24 Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament; ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1-23.

informazzjoni li tindika li t-tikkettar tal-prodott inkwistjoni mhuwiex konformi ma' dawk ir-Regolamenti, pereżempju meta jinqabeż il-limitu tat-tikkettar, li huwa dak ta' 0.9%, ta' preżenza aċċidentali ta' OĠM.

Prodotti miksuba jew derivati minn OĠM li mhumiex ikel jew għalf mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni tal-OĠM u għalhekk ma jiġu imposti fuqhom l-ebda obbligi ta' tikkettar jew traċċabbiltà. Għalhekk ir-Regolament, fl-Artikolu 9(3), jipprovdi li operatur organiku, f'dawn il-każijiet, ikun irid jitlob konferma jew dikjarazzjoni tal-bejjiegħ[26] li għandha tiġi ffirmata mill-fornitur tal-prodotti. F'dan id-dokument, il-bejjiegħ irid jiddikjara li l-prodott tiegħu ma jkunx ġie miksub u lanqas derivat minn OĠM.

Id-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ tirrappreżenta impenn min-naħa tal-fornitur li jkollu valur legali. Madankollu, il-partijiet interessati juru li bosta kumpaniji ma jifhmux kompletament x'inhi l-funzjoni tagħha, jistgħu jirrifjutaw li jużawha, jew, bil-maqlub, jiffirmawha faċilment. Xi Stati Membri jindikaw ukoll li jkollhom diffikultajiet biex jivverifikaw jekk dikjarazzjoni speċifika hijiex affidabbli minħabba limitazzjonijiet tekniċi u analitiċi.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-affidabbiltà u l-effettività tad-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ iqajmu xi tħassib u jeħtieġ li jkunu eżaminati aktar.

3.4. Il-fattibbiltà ta' limiti speċifiċi ta' tolleranza (għall-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli tal-OĠM) u l-impatt tagħhom fuq is-settur organiku

Fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju msemmi hawn fuq, kważi l-Istati Membri kollha u ħafna mill-partijiet interessati jqisu l-qafas leġiżlattiv attwali bħala wieħed li jipprovdi biżżejjed garanziji fir-rigward tal-projbizzjoni ta' OĠM fis-sistema ta' produzzjoni organika. Huwa jiżgura li prodotti kkummerċjalizzati mingħajr referenzi għal OĠM fuq it-tikketta jkun fihom biss livelli aċċidentali u inevitabbli li jkunu taħt 0.9 %. Uħud mill-Istati Membri, li jirreferu għal-livell ta' detezzjoni, jippreferu limitu speċifiku għall-prodotti użati fil-produzzjoni organika, li jvarja minn limitu ta' kwantifikazzjoni[27]ta' 0.1 % sa 0.3 %.

F'madwar ħames Stati Membri, hemm skemi privati ta' ċertifikazzjoni li jiċċertifikaw il-preżenza aċċidentali jew teknikament inevitabbli ta' OĠM fi prodotti organiċi li tkun taħt il-livell ġenerali ta' 0.9%. Huwa rrappurtat li l-kontrolli jiffukaw fuq is-sojja, il-qamħirrum, iż-żerriegħa tal-kolza, ir-ross u l-kittien.

Wieħed jista' jikkonkludi li hemm maġġoranza ta' fehmiet li huma favur li jinżamm l-istess limitu ta' 0.9 % għall-preżenza aċċidentali ta' OĠM fi prodotti organiċi. Limitu speċifiku jżid il-kumplessità u l-ispejjeż li jkollhom jiġġarrbu mill-produtturi u l-konsumaturi.

---

25 Ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE, ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24–28.

26 Il-mudell tad-dikjarazzjoni huwa msemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 u inkluż fl-Anness XIII tiegħu.

27 Bħalissa 0.1 % huwa l-inqas livell li fih il-preżenza ta' OĠM tista' tkun kwantifikata b'mod affidabbli

4. IL-FUNZJONAMENT TAS-SUQ INTERN U TAS-SISTEMA TA' KONTROLL

Element ġdid tar-Regolament li jista' jinfluwenza l-funzjonament tas-suq intern, huwa l-użu obbligatorju tal-logo tal-UE fuq il-prodotti organiċi kollha[28] miksuba fl-UE, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010, b'perjodu tranżitorju li jintemm sat-30 ta' Ġunju 2012. Għalkemm huwa ġust li jingħad li l-introduzzjoni ta' dan l-element kienet suċċess, b'viżibbiltà dejjem tiżdied fuq firxa kbira ta' prodotti, f'dan l-istadju huwa madankollu impossibbli li jiġi vvalutat l-impatt tagħha.

L-Istati Membri jindikaw li s-sistema ta' kontroll kif applikata fl-2009 u l-2010 ma tikkawżax problemi sinifikanti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-prodotti organiċi. Madankollu, diversi Stati Membri u partijiet interessati rrimarkaw li qari u interpretazzjoni varjati tal-leġiżlazzjoni tal-UE jiżvelaw il-bżonn għall-armonizzazzjoni, u xi drabi għas-simplifikazzjoni, tal-implimentazzjoni attwali tar-regoli organiċi madwar l-Unjoni. Fl-2010, kien hemm 199 Awtorità ta' Kontroll u Entità ta' Kontroll fl-UE li kienu inkarigati mis-sistema ta' kontroll tal-biedja organika.

Sabiex tittejjeb it-trasparenza, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 426/2011[29] li jobbliga lill-Istati Membri jfasslu lista aġġornata ta' operaturi pubblikament disponibbli, sa mill-1 ta' Jannar 2013. Fir-rigward tal-każi ta' ksur u rregolaritajiet, il-Kummissjoni tikkunsidra li, għalkemm l-Istati Membri ġeneralment jieħdu miżuri adegwati, f'dawn il-każijiet hemm lok għal titjib fl-iskambju ta' informazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-puntwalità u l-kompletezza tan-notifiki.

Iċ-ċertifikazzjoni ta' grupp għall-produtturi organiċi żgħar f'kooperazzjoni mill-qrib bejniethom fl-Unjoni, qajmet xi interess minn Stati Membri u wkoll partijiet interessati, peress li din tiffaċilita t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tagħhom. Iżda dawk kollha li wieġbu enfasizzaw il-ħtieġa li jkun żgurat li din is-sistema tħares jew ittejjeb l-affidabbiltà u l-effiċjenza tal-kontrolli.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sistema ta' kontroll tista' tiġi mtejba aktar, u, flimkien mal-Istati Membri, se tkompli taħdem f'din id-direzzjoni. Minħabba li l-Qorti tal-Awdituri riċentement wettqet awditjar tal-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li dwaru huwa mistenni li jiġi ppubblikat rapport kmieni fl-2012, il-Kummissjoni se tibbaża ruħha wkoll fuq is-sejbiet ta' dan l-awditjar b'mod li dawn iservu ta' gwida għal ħidmietha fir-rigward tal-kwistjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri jinsabu fil-proċess li jiżviluppaw pożizzjoni komuni fir-rigward tal-elementi kollha tas-sistema ta' kontroll, b'mod partikolari dwar ir-rabta bejn il-leġiżlazzjoni speċifika dwar il-produzzjoni organika u l-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-kontrolli uffiċjali tal-ikel u l-għalf, (ir-Regolament (KE) Nru 882/2004[30]), u superviżjoni aktar attiva tal-awtoritajiet kompetenti kemm fi Stati Membri kemm f'pajjiżi terzi rikonoxxuti inkluż awditjar mwettaq mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju. Il-Kummissjoni mhix se toqgħod lura milli tniedi proċeduri ta' ksur meta s-sistemi ta' kontroll ma jkunux qed jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

---

28 Introdott mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 271/2010, ĠU L 84. 31.03.2010.

29 ĠU L 113, 3.5.2011, p. 1

30 Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali, *ĠU L 191, 30.4.2004, p. 1-141,*

5. L-APPLIKAZZJONI TAS-SISTEMA TA' IMPORTAZZJONI

Flimkien mal-Istati Uniti, l-UE tirrappreżenta s-suq organiku prinċipali tad-dinja li jattira esportazzjonijiet minn bosta pajjiżi terzi, li flimkien jirrappreżentaw madwar 95 % tal-bejgħ organiku fid-dinja. Ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet u proċeduri armonizzati għall-importazzjoni ta' prodotti organiċi fis-suq tal-UE permezz ta' żewġ possibbiltajiet: jew skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-produzzjoni organika, jew abbażi tal-ekwivalenza bejn l-istandards u s-sistemi ta' kontroll.

Barra din is-sistema ta' importazzjoni, importazzjonijiet oħra ta' prodotti organiċi ekwivalenti fl-UE huma bbażati fuq awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni[31], li jingħataw mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kunsinna b'kunsinna għal perjodu ta' żmien limitat. Din il-possibbiltà hija tranżizzjonali u għandha titneħħa gradwalment[32].

5.1. L-importazzjonijiet fil-kuntest tas-sistema ta' ekwivalenza

Fid-deskrizzjoni ta' sistemi jew miżuri differenti, ekwivalenti tfisser li huma kapaċi jilħqu l-istess għanijiet u prinċipji billi japplikaw regoli li jiżguraw l-istess livell ta' assigurazzjoni ta' konformità[33]. Il-ftehimiet dwar l-ekwivalenza jistgħu jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' standards u kontrolli adattati għall-kundizzjonijiet lokali. Dawn huma mħeġġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Il-linji gwida speċifiċi tal-Codex Alimentarius[34] dwar l-ikel organiku jikkostitwixxu l-punt ta' referenza internazzjonali maħsub biex jiffaċilita l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti għal prodotti organiċi madwar id-dinja.

5.1.1. Ir-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi li jipprovdu garanziji ekwivalenti

Meta kien qiegħed isir l-abbozz ta' dan ir-rapport, il-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti kienet tinkludi ħdax-il pajjiż. Hemm sbatax-il rikjesta oħra li għadhom pendenti. Il-proċess ta' rikonoxximent jinbeda minn applikazzjoni uffiċjali mressqa mill-awtoritajiet nazzjonali lill-Kummissjoni. Din tinkludi valutazzjoni dettaljata tal-istandard tal-produzzjoni organika u s-sistema ta' kontrolli tal-pajjiż terz sabiex ikun determinat jekk humiex ekwivalenti għal dawk tal-UE. Din il-valutazzjoni teħtieġ riżorsi sinifikanti. Jistgħu jiġu aċċettati differenzi żgħar, iżda regoli wisq diverġenti jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet. Irid ikun ippruvat li l-miżuri ta' kontroll huma effettivi daqs kemm huma effettivi fl-UE. Il-Kummissjoni twettaq ukoll eżamijiet u analiżi fuq il-post u tirrevedi l-lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti b'mod regolari.

Il-Kummissjoni tqis li ladarba l-valutazzjoni inizjali tkun ġiet finalizzata b'suċċess, din il-lista ta' pajjiżi terzi toffri l-aktar approċċ stabbli u affidabbli għall-importazzjonijiet organiċi, u tikkontribwixxi wkoll biex tistimula lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw b'mod li dawn jieħdu sehem fl-istabbiliment tar-regoli tagħhom stess u tas-sistema ta' kontroll. Hija l-intenzjoni tal-

---

31 L-Istati Membri taw 2440 awtorizzazzjoni fl-2009 u 3754 fl-2010.

32 L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008.

33 Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-Artikolu 2(x)

34 Codex CAC/GL 32 - Linji gwida tal-1999 għall-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tikkettar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel prodott b'mod organiku.

Kummissjoni li tkompli teżamina t-talbiet eżistenti u dawk ġodda possibbli bil-għan li tippromwovi l-kunċett ta' ekwivalenza fil-livell dinji.

Madankollu, il-ħin meħtieġ għall-valutazzjonijiet imwettqa s'issa juri li dan ix-xogħol huwa kumpless u jeħtieġ għarfien espert tekniku ħafna. Filwaqt li l-Kummissjoni tista' tfittex il-kollaborazzjoni ta' Stati Membri li wkoll ikunu qed jirrapportaw biex jgħinu fit-twettiq ta' valutazzjonijiet u żjarat fuq il-post, madankollu dan, evidentement, mhuwiex biżżejjed biex ikun hemm ir-riżorsi meħtieġa b'mod li jkun kopert il-proċess kollu u l-monitoraġġ sussegwenti tal-lista. Il-Kummissjoni se tkompli teżamina s-simplifikazzjoni tal-proċeduri użati u tista' tipproponi modi ta' simplifikazzjoni u ta' tisħiħ tas-superviżjoni. Sadanittant, il-Kummissjoni qed tintensifika l-isforzi tagħha biex tittratta t-talbiet pendenti. Wieħed għandu jinnota li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi inkwistjoni, mhumiex affettwati għax issa dawn qed iseħħu permezz ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni mogħtija mill-Istati Membri (ara hawn fuq) u fil-ġejjieni se jkunu possibbli permezz tar-rikonoxximent ta' entitajiet ta' kontroll u ta' awtoritajiet tal-kontroll fil-pajjiżi terzi, kif deskritt hawn taħt.

5.1.2. Ir-rikonoxximent ta' entitajiet ta' kontroll u ta' awtoritajiet ta' kontroll li jipprovdu garanziji ekwivalenti

Fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi minn pajjiżi terzi li mhumiex rikonoxxuti, il-Kummissjoni bdiet timplementa r-rikonoxximent ta' ekwivalenza għall-entitajiet ta' kontroll bil-ftuħ tal-applikazzjonijiet mill-2008. Sal-ewwel skadenza tal-31 ta' Ottubru 2009 l-Kummissjoni rċeviet 73 applikazzjoni minn entitajiet ta' kontroll u mill-awtoritajiet ta' kontroll madwar id-dinja kollha. Il-Kummissjoni vvalutat id-dossiers tekniċi preparati mill-applikanti; fil-maġġoranza tal-każijiet kien meħtieġ li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikanti, u dan wassal biex il-proċess twal. L-ewwel lista ta' entitajiet ta' kontroll rikonoxxuti adottata mill-Kummissjoni[35] se tkun aġġornata regolarment. Se tkun applikabbli mill-1 ta' Lulju 2012.

Il-Kummissjoni tqis li l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' entitajiet ta' kontroll tista' toffri wkoll approċċ affidabbli lejn l-importazzjonijiet, sakemm tkun żgurata superviżjoni xierqa li permezz tagħha jkun garantit funzjonament korrett tas-sistema. B'mod partikolari, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma responsabbli għall-kontrolli fuq il-prodotti organiċi importati kollha, sa mir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fit-territorju tal-UE, se jsir essenzjali li l-Kummissjoni tirreaġixxi fil-ħin għal nuqqasijiet possibbli fit-tħaddim ta' entità ta' kontroll elenkata u tirtiraha mil-lista jekk ir-rekwiżiti ma jibqgħux ikunu ssodisfati.

Minħabba li din is-sistema hija ġdida u għada ma bdietx topera, ma jista' jkun hemm l-ebda konklużjoni f'dan l-istadju. Madankollu, mill-esperjenza miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament, huwa ċar li l-implimentazzjoni ta' din il-parti tas-sistema ta' importazzjoni u l-iżgurar ta' superviżjoni xierqa se joħolqu piż addizzjonali sostanzjali għall-Kummissjoni.

Fir-rigward tas-sorveljanza tas-sistema ta' importazzjoni b'mod ġenerali, għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li l-Kummissjoni tapplika miżuri prekawzjonali sabiex tegħleb riskji

---

[35] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1267/2011 tas-6 ta' Diċembru 2011, ĠU L 324, 7.12.2011, p. 9.

magħrufa jew emerġenti b'mod iktar effettiv, filwaqt li tikkunsidra l-miżuri previsti fir-Regolament innifsu, u f'partijiet oħra tal-liġi Ewropea applikabbli għall-kontrolli[36].

5.2. L-importazzjonijiet fil-kuntest tas-sistema ta' konformità

Fil-kuntest tas-sistema ta' konformità, operatur li ma jkunx ġej mill-UE għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inklużi r-regoli dettaljati kollha dwar il-produzzjoni u t-tikkettar. B'kuntrast mas-sistema ta' ekwivalenza, ir-regoli segwiti għandhom ikunu identiċi, u mhux sempliċiment ekwivalenti, għal dawk applikabbli fl-UE. L-operatur għandu jkun soġġett għal kontrolli minn entità ta' kontroll jew minn awtorità ta' kontroll rikonoxxuta għall-iskop ta' konformità mill-Kummissjoni.

Is-sistema ta' konformità għadha ma ġietx attivata. Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-31 ta' Ottubru 2014 bħala d-data ta' skadenza għall-ewwel applikazzjonijiet minn awtoritajiet ta' kontroll u entitajiet ta' kontroll, biex b'hekk tagħti żmien biex is-sistema ta' ekwivalenza tilħaq tiżviluppa.

Abbażi tal-esperjenza miksuba s'issa, li s-sistema ta' konformità se tipprovdi aċċess aħjar għas-suq tal-UE u se ġġib benefiċċju addizzjonali għall-imsieħba kummerċjali tal-UE meta mqabbla ma' dak li diġà ġie pprovdut mis-sistema ta' ekwivalenza jidher dubjuż. Lanqas mhi se ġġib magħha benefiċċju sinifikanti għall-konsumaturi fir-rigward tal-prodotti organiċi importati korrispondenti, li ma tistax issir distinzjoni bejniethom fis-suq. Barra minn hekk, is-sistema toħloq xogħol amministrattiv addizzjonali li huwa komparabbli għas-sistema ta' ekwivalenza mingħajr ebda benefiċċju addizzjonali. Il-Kummissjoni għalhekk tippreferi tikkonċentra l-isforzi tagħha fuq l-ekwivalenza aktar milli fuq il-konformità; jeħtieġ li l-utilità u l-effiċjenza tagħhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid flimkien mas-sħab kummerċjali, fid-dawl ta' attivitajiet attwali u futuri marbuta mal-kummerċ organiku.

5.3. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni

Ir-rilaxx ta' kunsinna ta' prodotti organiċi għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-UE, fil-kuntest tas-sistema ta' ekwivalenza, huwa soġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni mogħti minn entità ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll sorveljat jew minn pajjiż terz rikonoxxut jew mill-Kummissjoni, jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru (fil-kuntest tas-sistema ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni). Meta ssir l-importazzjoni fl-UE, il-kunsinna tiġi kkontrollata skont l-informazzjoni li jkun hemm fiċ-ċertifikat ta' spezzjoni, b'mod partikolari l-marki u n-numri tal-lott li jidentifikaw il-prodotti organiċi, u ċ-ċertifikat jiġi approvat mid-dwana. Iċ-ċertifikat ta' spezzjoni b'hekk jikkostitwixxi element ewlieni fit-traċċabbiltà ta' kull lott ta' prodotti organiċi li jkunu ġejjin mill-pajjiż terz li jkun qed jipproduċi s'għand l-importatur tal-UE, traċċabilità li tista' tintuża biex tiġi traċċata d-distribuzzjoni ulterjuri tal-prodott fl-UE fil-każ li jkun meħtieġ li l-prodott jitneħħa mis-suq.

L-operaturi jqisu li l-obbligu li jissottomettu ċertifikat oriġinali ta' spezzjoni huwa ta' piż żejjed minħabba d-dewmien potenzjali kkawżat miż-żmien meħtieġ biex jintbagħat iċ-ċertifikat oriġinali u jitolbu l-possibilità li jiġu sottomessi ċertifikati elettroniċi ta' spezzjoni.

---

[36] Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE, *ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11-21.*

Xi Stati Membri li japprovaw perċentwal għoli tal-importazzjonijiet kollha tal-UE wrew l-interess tagħhom li jinvestigaw il-fattibbiltà taċ-ċertifikati elettroniċi li saru disponibbli permezz ta' bażi tad-dejta sikura għal skopijiet ta' kontroll, approvazzjoni u superviżjoni, għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li teżamina l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' sistema bħal din, li għandha toffri approvazzjoni aktar mgħaġġla lill-operaturi u tipprovdi d-dejta ewlenija dwar l-operazzjonijiet ta' importazzjoni lill-Kummissjoni biex din tikkontrolla l-entitajiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi. Huwa importanti li sistema bħal din tiffaċilita wkoll reazzjoni mgħaġġla min-naħa tal-Istati Membri f'każijiet ta' ksur billi tibblokka prodotti mhux konformi.

6. KONKLUŻJONIJIET

Dan ir-rapport irreveda l-esperjenza limitata miksuba permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament sa mill-2009, u minnu l-Kummissjoni tislet il-konklużjonijiet li ġejjin:

(a) Bħalissa mhemmx il-ħtieġa oġġettiva li jiġi estiż l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-kejterers tal-massa. It-tikkettar organiku tat-tessuti u l-kożmetiċi jista', possibbilment, jingħata protezzjoni xierqa, fl-interess tal-konsumaturi u l-produtturi, permezz ta' strumenti oħra. Preferibbilment, l-aspetti regolatorji u tal-kontroll għall-prodotti agrikoli għandhom jiġu approfonditi, aktar milli jiġi estiż l-kamp ta' applikazzjoni għal aktar prodotti u oqsma.

(b) Filwaqt li l-projbizzjoni fuq l-użu ta' OĠM fil-produzzjoni organika hija implimentata b'mod korrett, jeħtieġ li d-dikjarazzjoni tal-bejjiegħ tkompli tiġi eżaminata u tiġi segwita d-disponibbiltà ta' xi prodotti li ma jkunux ĠM. Il-miżuri preventivi u l-azzjonijiet armonizzati qegħdin jingħataw preferenza fuq il-limitu speċifiku ta' OĠM għall-prodotti organiċi, illi, fiċ-ċirkustanza attwali, ma jidhirx li huwa ġustifikat. Fir-rigward tal-koeżistenza, fit-13 ta' Lulju 2010 ġiet provvduta gwida ulterjuri lill-Istati Membri, hekk kif il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għall-iżvilupp ta' miżuri nazzjonali ta' koeżistenza biex tiġi evitata l-preżenza mhux intenzjonata ta' OĠM f'uċuħ tar-raba' konvenzjonali u organiċi. Madankollu, jeħtieġ li l-iżviluppi reċenti jiġu analizzati.

(c) F'bosta każijiet, is-sistema ta' kontroll kienet xierqa għall-funzjonament tas-suq intern; madankollu għad hemm elementi ta' dgħufija fl-applikazzjoni tagħha. Jeħtieġ li titwettaq aktar ħidma b'mod li din is-sistema jkollha prestazzjoni akbar.

Barra minn hekk, filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' importazzjoni abbażi tal-ekwivalenza, tajjeb li jkun hemm forma ta' simplifikazzjoni u li tiġi kkontestata l-utilità tal-attivazzjoni tas-sistema ta' konformità.

Il-Kummissjoni temmen li għadu kmieni wisq biex iżżid il-proposti b'mod li tbiddel ir-Regolament skont dan ir-Rapport, speċjalment fiż-żmien meta l-proposta korrispondenti għall-allinjament tiegħu mat-Trattat ta' Lisbona[37] għadha qed tiġi diskussa fil-Parlament u l-Kunsill. Permezz ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha l-għan li tipprovdi elementi fattwali li jistgħu jiggwidaw dibattitu kostruttiv fir-rigward tar-Regolament dwar il-biedja

[37] COM(2010) 759 finali, 17.12.2010

organika. Bħala segwitu għal dan id-dibattitu, il-Kummissjoni, aktar tard, tista' tressaq proposti legali.

Biex dibattitu bħal dan isir kostruttiv, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-involviment taċ-ċittadini, il-Kummissjoni tqis li suġġetti bħas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv - filwaqt li, fl-istess ħin, jiġi żgurat li ma jitbaxxewx l-istandards-, il-koeżistenza ta' uċuh ġenetikament modifikati partikolarment mal-biedja organika, it-titjib fis-sistema ta' kontroll u tas-sistema ta' ekwivalenza fil-kummerċ ta' prodotti organiċi huma kwistjonijiet ewlenin li fuqhom għandhom jiġu bbażati riflessjonijiet futuri fir-rigward tal-agrikoltura organika.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiddiskutu l-kwistjonijiet enfasizzati f'dan ir-Rapport u tilqa' l-opinjoni ta' partijiet interessati oħra.

ANNESS

Is-suġġeriment ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati fil-qafas tad-diskussjoni dwar ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi

1. Il-qafas leġiżlattiv jista' jiġi simplifikat u b'liema mod, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-istandards ma jitbaxxewx?

2. Liema miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-koeżistenza hija rispettata u li l-istandards tal-produzzjoni organika jistgħu jiġu ssodisfati minn kwalunkwe bidwi li jagħżel dan il-qasam?

3. Hemm bżonn li jiġu riveduti l-istandards attwali tal-produzzjoni u li jkun hemm regoli aktar stretti, pereżempju fir-rigward tad-disponibbiltà ta' annimali żgħar, għalf u żerriegħa u elementi oħra mill-produzzjoni organika? Jekk iva, x'għandu jkun propost lill-bdiewa jew lir-reġjuni li mhumiex kapaċi jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet ġodda? Il-flessibbiltà fuq livell reġjonali hija kompatibbli ma' kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni? Il-kontrolli huma fattibbli?

4. Il-kontrolli huma bbażati fuq spezzjonijiet fiżiċi ta' kull operatur fil-katina alimentari u jsiru mill-inqas darba fis-sena. L-operaturi għandhom ikunu ċċertifikati mill-entitajiet indipendenti ta' ċertifikazzjoni. Kif tista' tittejjeb is-sistema ta' kontroll?

5. Skont il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew[38], il-Kummissjoni ppromwoviet l-ekwivalenza fil-kummerċ ta' prodotti organiċi, hekk kif irrikonoxxiet lil pajjiżi terzi jew lil entitajiet ta' kontroll. L-ekwivalenza għandha tkun l-uniku kunċett għan-negozjar tal-prodotti organiċi? Fis-snin riċenti, il-Kummissjoni laħqet ukoll rikonoxximent reċiproku minn pajjiżi terzi rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-UE. Dan l-approċċ għandu jittejjeb bil-ħsieb li l-interess offensiv tal-UE jiġi protett aħjar?

---

38 COM(2004) 415 finali, 10.06.2004, KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ikel u l-Biedja Organiċi